

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 560/2012

tas-26 ta' Ġunju 2012

li jtemm ir-reviżjoni *interim* parzjali dwar il-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilenterefalat (PET) li joriġina mill-Indja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROCĊEDURA

1.1. Il-miżuri fis-seħħ

- (1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2604/2000⁽²⁾, il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-polietilenterefalat ("PET") li joriġina mill-Indja, fost pajjiżi oħra. Sussegwentement twettqet reviżjoni skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku dwar South Asian Petrochem Ltd u s-sejbiet u l-konklużjonijiet jinsabu stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1646/2005⁽³⁾. Wara reviżjoni ta' skadenza u permezz tar-Regolament (KE) Nru 192/2007⁽⁴⁾, il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv għal perjodu ulterjuri ta' ħames snin. Il-miżuri anti-dumping ġew emendati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1286/2008⁽⁵⁾ wara reviżjoni *interim* parzjali ("l-aħħar investigazzjoni tar-reviżjoni"). Dawn il-miżuri jikkonsistu f'dazji anti-dumping speċifiċi. Ir-rata tad-dazju hija bejn EUR 87,5 u EUR 200,9 kull tunnellata għal produtturi Indjani msemmija individwalment b'rata residwa ta' dazju ta' EUR 153,6 kull tunnellata imposta fuq l-importazzjonijiet minn produtturi oħra ("id-dazji attwali").
- (2) Wara tibdil fl-isem tal-kumpanija Indjana, South Asian Petrochem Ltd, il-Kummissjoni kkonkludiet permezz tan-Notifika 2010/C 335/06⁽⁶⁾ li s-sejbiet anti-dumping fir-rigward ta' South Asian Petrochem Ltd għandhom japplikaw għal Dhunseri Petrochem & Tea Limited.

- (3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2603/2000⁽⁷⁾, il-Kunsill impona dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' PET li joriġina mill-Indja, fost pajjiżi oħra. Wara reviżjoni aċċellerata skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea⁽⁸⁾ ("ir-Regolament bażiku kontra s-sussidji"), il-miżuri definittivi ġew emendati kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2005⁽⁹⁾. Wara reviżjoni ta' skadenza u permezz tar-Regolament (KE) Nru 193/2007⁽¹⁰⁾, il-Kunsill impona dazju kumpensatorju definittiv għal perjodu ulterjuri ta' ħames snin. Il-miżuri kumpensatorji ġew emendati bir-Regolament (KE) Nru 1286/2008 wara l-aħħar l-investigazzjoni tar-reviżjoni. Dawn il-miżuri kumpensatorji jikkonsistu f'dazju speċifiku. Ir-rata tad-dazju hija bejn EUR 0 u EUR 106,5 kull tunnellata għal produtturi Indjani msemmija individwalment b'rata residwa ta' dazju ta' EUR 69,4 kull tunnellata imposta fuq l-importazzjonijiet minn produtturi oħra ("il-miżuri kumpensatorji attwali").

- (4) Wara tibdil fl-isem tal-kumpanija Indjana, South Asian Petrochem Ltd, il-Kummissjoni kkonkludiet permezz tan-Notifika 2010/C 335/07⁽¹¹⁾, li s-sejbiet kontra s-sussidji fir-rigward ta' South Asian Petrochem Ltd għandhom japplikaw għal Dhunseri Petrochem & Tea Limited.

- (5) Permezz tad-Deċiżjoni 2005/697/KE⁽¹²⁾, il-Kummissjoni aċċettat l-impenn minn South Asian Petrochem Ltd li tiffissa prezz minimu tal-importazzjoni ("l-impenn"). Wara tibdil fl-isem tal-kumpanija, il-Kummissjoni kkonkludiet permezz tan-Notifika 2010/C 335/05⁽¹³⁾ li l-impenn offrut minn South Asian Petrochem Ltd għandu japplika għal Dhunseri Petrochem & Tea Limited.

1.2. It-talba għal reviżjoni

- (6) Tressqet talba għal reviżjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku minn Dhunseri Petrochem & Tea Ltd, produttur esportatur Indjan tal-PET ("l-applikant"). It-talba kienet limitata fil-kamp ta' applikazzjoni għad-dumping u għall-applikant. Fl-istess waqt, l-applikant talab ukoll ir-reviżjoni tal-miżuri kumpensatorji attwali. Id-dazju anti-dumping u dak kumpensatorju japplikaw għall-importazzjonijiet ta' prodotti manifatturati mill-applikant u l-bejgħ tal-applikant lill-Unjoni huwa kopert mill-impenn.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 301, 30.11.2000, p. 21.

⁽³⁾ ĠU L 266, 11.10.2005, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU L 59, 27.2.2007, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 340, 19.12.2008, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU C 335, 11.12.2010, p. 6.

⁽⁷⁾ ĠU L 301, 30.11.2000, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

⁽⁹⁾ ĠU L 266, 11.10.2005, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 59, 27.2.2007, p. 34.

⁽¹¹⁾ ĠU C 335, 11.12.2010, p. 7.

⁽¹²⁾ ĠU L 226, 11.10.2005, p. 62.

⁽¹³⁾ ĠU C 335, 11.12.2010, p. 5.

(7) L-applikant ipprova evidenza *prima facie* li l-issoktar tal-applikazzjoni tad-dazju attwali fil-livell attwali tiegħu ma kienx aktar meħtieġ biex jitpatta d-dumping. B'mod partikolari, l-applikant stqarr li kien hemm tibdil sinifikanti fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-kumpanija u li dan it-tibdil wassal għal marġni ta' dumping sostanzjalment aktar baxx minn mindu ġew imposti d-dazji attwali. Tqabbil li sar mill-applikant bejn il-prezzijiet domestiċi tiegħu u l-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu lejn l-Unjoni jissuġġerixxi li l-marġni ta' dumping kien sostanzjalment aktar baxx mil-livell tad-dazji attwali.

1.3. Il-bidu ta' revizzjoni interim parzjali

(8) Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv u ddeterminat li t-talba kien fiha biżżejjed evidenza *prima facie* biex tiġġustifika l-bidu tar-reviżjoni *interim* parzjali, il-Kummissjoni ħabbret fit-2 ta' April 2011, permezz ta' Notifika 2011/C 102/09 ⁽¹⁾, il-bidu ta' revizzjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitata għall-eżami tad-dumping sa fejn jikkonċerna lill-applikant ("in-Notifika ta' bidu").

1.4. Revizzjoni interim parzjali parallela tal-miżuri kumpensatorji

(9) Fit-2 ta' April 2011, permezz ta' Notifika 2011/C 102/08 ⁽²⁾, il-Kummissjoni ħabbret il-bidu ta' revizzjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji, limitata fil-kamp ta' applikazzjoni għas-sussidjar u għall-applikant.

(10) Fir-reviżjoni *interim* parzjali tal-miżuri kumpensatorji nstab li t-tibdil mhuwiex ta' natura dejjiema. Għaldaqstant, l-investigazzjoni tar-reviżjoni ġiet terminata mingħajr ma ġew emendati l-miżuri fis-seħħ.

1.5. Il-partijiet ikkonċernati

(11) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-applikant, lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u lill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni dwar il-bidu tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati nġataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fil-limitu taż-żmien stipulat fin-Notifika ta' bidu.

(12) Il-partijiet kollha interessati ġew mgħarrfa dwar il-possibiltà li jitolbu seduta ta' smigħ. Intalbet u nġatat seduta ta' smigħ waħda.

(13) Sabiex tikseb it-tagħrif li qieset meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarju lill-applikant u rċeviet tweġiba fi żmien l-iskadenza stipulata għal dan l-għan.

(14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li hi qieset meħtieġ għad-determinazzjoni tad-dumping. Il-Kummissjoni wettqet żjara ta' verifika fl-uffiċċji tal-applikant f'Kolkata, l-Indja u f'Haldia, l-Indja.

2. IRTIRAR TAT-TALBA U TERMINAZZJONI TAL-PROĊEDIMENT

(15) Permezz ta' ittra lill-Kummissjoni datata t-18 ta' April 2012, l-applikant irtira formalment it-talba tiegħu għar-reviżjoni *interim* parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-PET li joriġina mill-Indja. L-irtirar huwa ġġustifikat prinċipalment mill-espansjoni ulterjuri tal-kapaċità ta' produzzjoni tal-applikant li turi li t-tibdil fir-rigward tad-dumping mhuwiex ta' natura dejjiema minħabba tnaqqis ulterjuri imminenti fl-ispejjeż tal-produzzjoni. L-applikant iddikjara li hu l-proċess ta' tibdil kontinwu li jqajjem dubji dwar in-natura dejjiema tat-tibdil stabbilit matul l-investigazzjoni. Ġie stabbilit li, għalkemm xi wħud mit-tibdiliet stabbiliti matul l-investigazzjoni kienu ta' natura dejjiema, il-kumpanija tinsab effettivament fi proċess ta' tibdil kontinwu.

(16) Fid-dawl tal-irtirar, ġie kkunsidrat jekk ikunx iġġustifikat illi l-investigazzjoni tar-reviżjoni tissokta *ex officio*. Is-servizzi tal-Kummissjoni ma sabu l-ebda raġuni valida biex iqisu li t-terminazzjoni ma tkunx fl-interess tal-Unjoni. Abbażi ta' dan, l-investigazzjoni tar-reviżjoni għandha tiġi terminata.

(17) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa dwar l-intenzjoni li l-investigazzjoni tar-reviżjoni tiġi terminata u nġataw l-opportunità li jikkumentaw.

(18) Għaldaqstant, ġie konkluż li r-reviżjoni dwar l-importazzjonijiet tal-PET li joriġina mill-Indja għandha tiġi terminata mingħajr ma jiġu emendati l-miżuri anti-dumping fis-seħħ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reviżjoni *interim* parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċertu polietilenterefalal (PET) li joriġina mill-Indja, fost pajjiżi oħra, mibdiya skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, huwa b'dan terminat mingħajr emendi għall-miżuri anti-dumping fis-seħħ.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 102, 2.4.2011, p. 18.

⁽²⁾ ĠU C 102, 2.4.2011, p. 15.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

N. WAMMEN
